

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/738**tas-27 ta' Frar 2018****li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fl-elementi ċerametalliċi ta' potenzjometri trimmer****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih iċ-ċomb.
- (2) Il-punt 34 tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE eżenta l-użu taċ-ċomb fl-elementi ċerametalliċi ta' potenzjometri trimmer- sal-21 ta' Lulju 2016. Il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għat-tiġdid ta' din l-eżenzjoni fir-rigward tal-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10 qabel l-21 ta' Jannar 2015, skont l-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (3) Il-potenzjometri trimmer huma reżisters varjabbli. Jaħdmu b'wajper biex jaġġustaw ir-reżistenza taċ-ċirkwit. Huma applikati ffirxa wiesgħa ta' prodotti bħal perżempju t-tagħmir awdjoviv-, it-tagħmir tal-komunikazzjoni, il-ġugarelli u l-istrumenti tal-kejl, l-apparat domestiku elettriku. Fihom iċ-ċomb bħala l-ossidu taċ-ċomb fil-linek reżistenti fejn jaġixxi bħala aġent li jgħaqqad.
- (4) Bħalissa, ma hemm l-ebda alternattiva affidabbli mingħajr ċomb disponibbli u għalhekk is-sostituzzjoni taċ-ċomb għadha xjentifikament u teknikament imprattikabbli.
- (5) Minħabba li għall-applikazzjonijiet ikkonċernati fil-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10 ma hemm l-ebda alternattiva affidabbli biżżejjed jew alternattiva li x'aktarx titqiegħed fis-suq dalwaqt, il-perjodu ta' validità sal-21 ta' Lulju 2021 huwa ġġustifikat. Għal kategoriji oħrajn għajr il-kategoriji 1 sa 7 u l-kategorija 10, l-eżenzjoni attwali tibqa' tgħodd skont il-perjodi ta' validità stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (6) Għalhekk id-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2019 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠUL 174, 1.7.2011, p. 88.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punt 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"34	Iċ-ċomb fl-elementi ċerametallici ta' potenzjometri trimmer	Japplika għall-kategoriji kollha; jiskadi fi: <ul style="list-style-type: none">— il-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1-7 u l-kategorija 10;— il-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 8 u 9 għajr għall-apparat mediku dijanjostiku in vitro u l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali;— il-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 l-apparat mediku dijanjostiku in vitro;— il-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u għall-kategorija 11."
-----	---	---